**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA**
Kumpless Umberto Calosso
Triq il-Kbira San {u\epp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt

**28T/17**

**Minuti tat-tkomplija tat-tmienja w ghoxrin laqgħa tas-sbattax il-sena tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li saret illum it-Tlieta 15 ta' Marzu, 2011, fil-bini amministrattiv tal-Kunsill, Kumpless Umberto Calosso, Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera**

**Preżenti:**

Is-Sur Horace J. Anastasi---Sindku
Is-Sur Ronald Briffa---Viċi Sindku
Is-Sur Carmel Camilleri---Kunsillier
Is-Sinj. Mariella Micallef---Kunsilliera
Is-Sur Stephen Sultana---Kunsillier
Is-Sur Cleaven Bugeja---Kunsillier

Is-Sur Joseph M. Formosa – Agent Segretarju Ezekuttiv

**Mistiedna Specjali:**

Il-leader u l-Kunsill taz-Zaghzagh ta' Santa Venera.

**Skuzati:**

Is-Sur Edwin Formosa---Kunsillier

**AGENDA**

1. Talba

2. Qari u approvazzjoni tal-minuti (Minuti tat-18 il-Laqgha li saret fil-15 ta' Dicembru, 2010, Minuti tat-tkomplija tat-18 il-Laqgha li saret fis-6 ta' Jannar, 2011, Minuti tat-tkomplija tat-tkomplija tat-18 il-Laqgha li saret fis-17 ta' Jannar,

2011 u Minuti tat-tkomplija tat-tkomplija tat-tkomplija li saret fil-21 ta' Frar, 2011). Dawn il-minuti ittiehdu bhala moqrija. Saru l-korrezjoni tal-minuti tal-laqgha li saret fil 15 ta' Dicembru, 2010.

3. Affarijiet li tqajmu mill-minuti (Minuti tat-18 il-Laqgha li saret fil-15 ta' Dicembru, 2010, Minuti tat-tkomplija tat-18 il-Laqgha li saret fis-6 ta' Jannar, 2011, Minuti tat-tkomplija tat-tkomplija tat-18 il-Laqgha li saret fis-17 ta' Jannar, 2011 u Minuti tat-tkomplija tat-tkomplija tat-tkomplija li saret fil-21 ta' Frar, 2011). Il-laqgha diga bdiet tiddiskuti l-affarijiet li tqajmu mill-minuti tal-laqgha li saret fil-15 ta' Dicembru, 2010.

4. Kommunikazzjonijiet mis-Sindku

5. Kunsill Lokali Zaghzagh

6. Aggornament

**Talba u Bidu tal-laqgha**

Il-laqgha bdiet fis-6.10pm wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsllieri prezenti.

L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill illi s-Sur Edwin Formosa ma setax jattendi perss li kien jinsab rikoverat d-dar wara operazjoni. Il-Kunsill filwaqt li xtaq lis-Sur Edwin Formosa fejqan ta' malajr, qabel li s-Sur Edwin Formosa ikun skuzat.

**Sospenzjoni ta' l-Agenda**

Fuq talba tas-Sindku l-Kunsill qabel li jkun hemm sospenzjoni tal-Agenda sabiex il-Kunsill jigi nfurmat direttament minghand il-Kunsill Nazzjonali taz-Zaghzagh dwar il-progett kif kien qed jigi proponut mill Kunsill Lokali taz-Zaghzagh bhala parti mill oggettiv ta l-istess Kunsill Lokali taz-Zghzagh (KLZ) ghas-sena 2011.

Is-Sur Christian Micallef Youth Leader tal-KLZ ta taghrif dwar dan il-KLZ Santa Venera u dwar il-progett li jikkonsisti billi l-lok maghruf bhala l-Barumbara fuq in-naha ta l-ahhar tat-Triq il-Ferrovija li tigi fuq il-Wied ta l-Imsida jigi zviluppat kemm bhala binja fejn ikunu jistghu jiltaqghu z-zaghzagh kif ukoll isiru nhawi rekrejattivi u krejattivi fejn iz-zaghzagh ta' Santa Venera jkunu jistghu jiddevertu f'ambjent tajjeb. Il-Youth Leader qal li l-KLZ kien qieghed jeskludi mill-progett l-idea ta' skate park ghaliex l-KLZ xtaq jaghmel xi haga li tkun originali u li toffri lok ta fejn iz-zaghzagh ikunu jistghu jiltaqghu u jkollhom post dicenti fejn jiltaqghu kif ukoll ikollhom saqaf fuq rashom.

Is-Sindku ghamel suggeriment dwar dak li l-Kunsill kien isejjah l-"Skate Park" li dwaru l-Kunsill ghandu pjanti dettaljati izda ma settax jitwettaq minhabba limitazjoni ta' finanzi.

Is-Sindku kompla billi stqarr li nhar il-Gimgha 11 ta' Marzu, 2011 huwa kien attenda laqgha tal-MEPA flimkien mal-Perit Stephen Farrugia (il-Perit tal-Kunsill li kien hadem mal-Kunsill dwar l-Skate Park) fejn meta l-Board tal-MEPA kien qed jiddiskuti l-applikazzjoni tal-MITA dwar CARGA HOUSE, TRIQ IL-FERROVIJA ma TRIQ IZ-ZONQOR, SANTA VENERA, is-Sindku oggezzjona dwar l-permess kif mitlub mill MITA sabiex isiru diskusjonijiet bejn il-Kunsill u l-MITA minhabba l-problemi tal-parking li kienu sejrin jigu kawzati minn dan il-progett.

Is-Sindku kompla billi qal li l-ghada s-Sibt 12 ta' Marzu, 2011 huwa u l-Perit Stephen Farrugia kellhom laqgha mad-dirigenti tal-MITA gewwa Gattard House fejn gie diskuss dan is-suggett u s-Sindku issuggerixxa li peress li l-Kunsill ta' Santa Venera ghandu l-pjanti kollha lesti dwar il-progett ta' l-iskate park, il-MITA tkun tista' tohrog il-finanzjament sabiex taht dan l-izvuilupp isir parking xieraq ghall seba u tlettin karozza (37) u fuq dan il-parking isir skate park u gnien u li fil-parti ta' isfel ikun hemm bandli u altrezzi ohra li jofru rekrejazjoni xierqa.

Is-Sindku qal li fl-opinjoni tieghu l-MITA tidher li x'aktarx sejra taccetta dak li gie ssugerit mis-Sindku.

Is-Sindku kompla li dwar il-Barumbara kif ukoll il-Bieb antik ta' Msida Road, il-Kunsill qed jistenna li l-Kunsill ikollu il-laqghat mehtiega ma l-awtoritajiet koncernati fosthom Heritage Malta.

F'dan l-istadju s-Sindku qal ukoll illi l-Kunsill kien sejjer jikteb lill-Ballut Blocks sabiex dan il-kuntrattur inaddaf l-area u jtella c-cint kif rikjest mill-ligi fi Triq L-Imsida.

Dwar dak li qal s-Sindku l-Youth Leader tal-KLZ wiegeb li l-KLZ huwa kostrett li jissottometti l-progett tieghu b'mod dettaljat sa Mejju, 2011 ghaliex dan huwa stabbilit fir-regolamenti u jekk din id-data tinqabez il-KLZ ma jkunx jista' jissottometti l-progett u l-finanzjament ta €10,000 li jinghata l-KLZ jekk il-progett li jissottometti l-KLZ ikun maghzul, ma jkunux possibli li jinghata xi forma ta finanzjament. Ghalhelkk hemm urgenza li l-Kunsill ta Santa Venera jirrispondi ghas-sejha tal KLZ.

Is-Sindku qal li jifhem l-hegga u l-herqa tal-KLZ li jaghmlu progett li jirbah €10,000 ghaliex dawn huma ferm bzonjuzi fil-limitazjoni tal-finanzi tal-Kunsill u Sindku stqarr li l-Kunsill ghall Santa Venera sejjer izomm lill-Kunsill taz-Zaghzagh infurmat sewwa dwar il-progett li semma s-Sindku aktar il-quddiem sabiex b'hekk il-KLZ ikun jista jissottometti l-progett kif mehtieg u kemm jista' ikun dan il-progett ikun wiehed li jirbah l-€10,000.

Il-Youth Leader, f'isem il-KLZ qal illi l-KLZ xtaqu joholqu kuxxjenza kemm lokali kif ukoll fuq livell Ewropew dwar l-arja hazina li hija generata minhabba t-traffiku li jaghddi mill-Mini ta' Santa Venera u dwar saqaf li jkun jista izomm milli din l-arja hazina u kontaminata mill-exhaust tal-vetturi titla u tinfirex qalb l-proprjeta li hemm fl-inhawi ta' dawn il-Mini. Il-Youth Leader qal li dan l-exhaust qed jaghmel hsara fis-sahha u z-zaghzagh jixtiequ li jkunu huma wkoll li jaghmlu hoss bil-ghan li l-qaghda titjib billi

jinbena saqaf  kif mehtieg sabiex dan l-exhaust li jigi generat fil-mini mill-vetturi ma jkomplix jaghmel hsara billi jinxtered fuq ir-residenzi f'dawn l-inhawi.

Is-Sindku wiegeb illi huwa sa zmien ilu ghamel dak kollu possibli dwar din il-problema u din il-problema waslet ukoll fil-Parlament Ewropew mill MEP Dr Simon Busuttil.

Il-Youth Leader tal-KLZ qal li l-KLZ qieghed ghalhekk jappogga lill-Kunsill ta' Santa Venera f'kull dak li jaghmel sabiex ikun hemm zviluppi posittivi sabiex r-residenti li joqghodu fl-inhawi tal-mini ta' Santa Venera ma jkomplux ibatu kemm mill arja hazina kif ukoll minn "noise pollution" ikkawzati mit-traffiku kontinwu li jaghddi minn dawn il-mini.

Finalment sar qbil bejn il-Kunsill Lokali Santa Venera u l-Kunsill Lokali Zaghzagh li johrog kommunikat li juri li l-Kunsill Lokali Zaghzagh u l-Kunsill Lokali Santa Venera qed jaqblu li jahdmu id f'id sabiex tinkiseb soluzjoni xierqa dwar il-problemi kbar li qed jigu kawzati minhabba t-traffiku li jaghddi mill-mini ta' Santa Venera kemm mill-hmieg ta' l-arja kif ukoll l-hsejjes li jaffetwaw hazin is-sahha u l-mistrieh tan-nies, specjalment zaghzagh li joqghodu fl-inhawi ta' dawn il-mini u li flimkien qed jahdmu u jfittxu forma ta' soluzjoni dewwiema ghall harsien tas-sahha tan-nies konceranti.

F'dan l-istadju r-rapprezentati tal-KLZ gew mistiedna li jhallu l-laqgha.

Il-laqgha regghet lura sabiex timxi fuq l-Agenda.

**Gheluq tal-Laqgha**

Ghall habta tas-7.30pm qamet kommozjoni fejn is-Sindku infexx f'rabja u dissapprovazjoni lejn l-Agent Segretarju Ezekuttiv ghaliex huwa allega li l-ittri tal-15 ta' Marzu, 2011 indirizzati lic-Chairman tal-MEPA u l-Perit D. Vassallo ma kellhomx jintbaghtu.

L-Agent Segretarju Ezekuttiv wiegeb, u wera dokumentazjoni ta draft letter miktuba mill-istess Sindku, li dawn l-ittri kienu prosposti u sahansitra miktuba mill-istess Sindku u li kienet l-istess skrivana tal-Kunsill li kienet infurmatu sabiex jiffirma u jibghat dawn l-ittri kif hekk indirizzati u miktuba mill-istess Sindku.

L-Agent Segretarju Ezekuttiv cahad bl-aktar mod kategoriku li huwa kien jaf li ma kellux jibghat dawn l-ittri izda dan kien kollu ghalxejn ghaliex skond kif allega s-Sindku dawn l-ittri kellhom biss jintbaghtu sal-24 ta' Frar, 2011 u mhux aktar tard peress li kien hemm zviluppi godda.

L-Agent Segretarju Ezekuttiv cahad kattegorikament li kien jaf b'dan.

Il-Kunsillieri prezenti qablu li dawn il-problemi ghandhom jigu rizolti bejn is-Sindku u l-Agent Segretarju Ezekuttiv b'mod ragonevoli u li ghandu jkun hemm kommunikazjoni ahjar.

Il-laqgha giet sospiza mis-Sindku fis-7.55pm bla ma kien hemm data ghal aggornament.

| | |
|---|---|
| Joseph M. Formosa | Horace J. Anastasi |
| Agent Segretarju Ezekuttiv | Sindku |

Data_________________